# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 28 ta' Jannar 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**vs**
**Ahmed Bellazi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ahmed Bellazi u detentur tar-residence permit bin-numru 200752A

Akkuzat talli fis-27 ta' Jannar, 2019 ghal habta ta' 4:30am u/jew hinijeit wara fir-residenza numru 30, Karlino, Flat 3, Triq il-Mazzolla, San Pawl il-Bahar u/jew f'dawn il-gzejjer minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Anisia Borg minn San Pawl il-Bahar skond kif iccertifika Dr Yousef Yousef Reg 6031 mill-isptar Mater Dei.

Ukoll talli fl-istess residenza ghamel lil Anisia Borg ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi hebb kontra Anisia Borg biex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-Art 412C a favur ta' Anisia Borg.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tipprovi ghas-sigurta ta' Anisia Borg u tapplika l-provedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li f'l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 216(1)(d), 222(1)(a), u 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **sentejn (2) prigunerija** li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu **sospiezi ghal perjodu ta' erbgha (4) snin**. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikoli 382A u 412C ta'l-istess Kapitolu 9 biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Anisia Borg qed tpoggi lill-imputat taht **ordni ta' trazzin ghal perjodu ta' tlett (3) snin** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-iputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**